**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit); M.A. (Melit).**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Gunju, 2021**

**Talba Nru: 32/2021PM1**

**Joseph Grixti (KI 0239661(M))**

**Vs**

**Tiziana Magrin (KI 0459784(M))**
**Alfred Formosa (KI 0572948(M)) bhala eredi ta' Cleven Formosa u b'digriet ta' dan it-Tribunal moghti illum stess l-isem ta' Cleven Formosa gie korrett ghal dak ta' Cleaven Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Frar, 2021 permezz ta' liema l-atturi talbu li t-Tribunal jiddikjara illi l-attur huwa dovut l-ammont ta' €3000 bilanc minn somma akbar rapprezentanti fornitura ta' materjal u xoghol ezegwit u res fil-fond 56, Triq Sant'Antnin, Haz-Zabbar kif ukoll l-ammont ta' €50 rapprezentanti prezz ta' travett li thalla fil-fond few gew ezegwiti x-xogholijiet fuq talba tad-defunt Cleaven Formosa.

Ra r-risposta tal-konvenut Alfred Formosa datata 5 ta' Marzu, 2021 permezz ta' liema l-istess konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, Alfred Formosa mhuwiex l-uniku eredi tad-defunt Cleaven Formosa u ghaldaqstant l-intimat jixtieq li l-eredi kollha jiffurmaw parti mill-proceduri
2. Fit-tieni lok, l-intimat lest li jhallas nofs is-somma dovuta lill-attur u cioe` elf u hames mitt euro (€1500) hekk kif kien il-ftehim mal-konvenuta l-ohra u b'hekk is-somma ta' €3000 tigi maqsuma bejn iz-zewg konvenuti ugwalment.
3. Fit-tielet u fl-ahhar punt, l-intimat jixtieq li l-ispejjez dovuti lill-Qorti jigu mhallsin totalment mill-konvenuta Tiziana Magrin minhabba l-fatt li l-intimat kien lest li jhallas in-nofs tieghu, pero` minhabba n-nuqqas tar-risposta tal-istess konvenuta, dan ma kienx possibbli.

Ra r-risposta tal-konvenuta Magrin datata 11 ta' Marzu, 2021 li permezz taghha eccepiet is-segwenti :

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti m'hijiex il-legittima kontradittrici u hija totalment estraneja u m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont m'hu dovut mill-esponenti Magrin
3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost u biz-zieda mal-istess, jinghad li l-esponenti mhijiex eredi tad-defunt Cleaven Formosa
4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-istess ma tezisti ebda prova li l-esponenti ireceviet xi fornitura ta' materjal u/jew gawdiet minn xoghol li sar mill-attur
5. Illi f'kull kaz l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi pruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri
6. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda tal-attur Joseph Grixti u ra d-dokumenti ezebit minnu waqt is-seduta tat-12 ta’ Mejju, 2021.

Ra li waqt l-istess seduta l-attur iddikjara li m’ghandux aktar provi x’jipproduci.

Sema’ x-xhieda tal-konvenuta Tiziana Magrin waqt is-seduta tas-27 ta’ Mejju, 2021 u ra li l-avukat tal-konvenut iddikjara li ser jistrieh fuq il-provi prodotti.

Sema’ t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-atturi u tal-konvenuta Magrin waqt is-seduta tat-3 ta’ Gunju, 2021.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwardja talba da parti tal-attur ghall-hlas dovut minnu fir-rigward ta’ xogholijiet imwettqin minnu fil-fond 56, Triq Sant’ Antnin, Haz-Zabbar appartenenti lid-defunt Cleaven Formosa u lill-konvenuta Tiziana Magrin.

Illi t-Tribunal jibda’ sabiex jinnota li l-isem korrett tad-defunt Formosa huwa ‘Cleaven Formosa’ u mhux ‘Cleven Formosa’ kif indikat fl-okkju fil-faccata tal-avviz tal-kawza odjerna. Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jordna l-korrezzjoni tal-isem, tenut kont l-izball car dattilografiku hemmhekk kontenut, fis-sens illi l-isem ta’ Cleven Formosa kif indikat fl-okkju tal-kawza jigi sostitwit b’dak korrett ta’ Cleaven Formosa.

Illi tramite l-gbir tal-provi irrizulta li l-imsemmi Cleaven Formosa gie nieqes b’disgrazzja proprju waqt li kienu qed jigu imwettqin mill-attur ix-xogholijiet imsemmija. L-istess attur xehed fis-sens illi:

> *(J)iena kont gejt inkarigat mill-konvenuti sabiex inwettaq xi xoghol ta’ kisi. Nghid illi dan ix-xoghol kellu jitwettaq fid-dar taghhom f’Haz Zabbar. Nghid*

*li din id-dar hija taghhom it-tnejn. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jiena kont insib lit-tnejn li huma u cioe' liz-zewg konvenuti fuq il-post u minghandhom kont niehu struzzjonijiet. Nghid li x-xogholijiet saru min-naha tieghi u gew kompletati tant hu hekk li talbuni wkoll stima ohra ghal xogholijiet ulterjuri li kienu jinvolvu l-water paint. Nghid li jiena b'kollox kelli ghax-xoghol tal-kisi nithallas sitt elef hames mija tnejn u hamsin (6,552) li minnhom jiena thallast biss tlett elef hames mija tnejn u hamsin (3,552) b'tali mod li jiena ghad fadalli niehu bilanc ta' tlett elef (3,000) (...) Nghid li jiena kont inghatajt struzzjonijiet sabiex narma t-travett sabiex inkompli bix-xogholijiet tal-water paint kif semmejt aktar qabel. (...) Meta jiena rcevejt telefonata minghand Tiziana Magrin jiena hsibt li din ser tkompli tkellimni dwar ix-xogholijiet pero' f'dik l-okkazzjoni sfortunatament infurmatni li Cleaven Formosa kien gie nieqes b'dizgrazzja nghid pero' li jiena lil Cleaven Formosa ma nghidx min wirtu pero' li Alfred Formosa huwa missieru. Nghid li Tiziana Magrin tigi l-gharusa tieghu. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nikkjarifika li l-post ta' Haz Zabbar li jiena hdimt fih kien ta' Cleaven Formosa u ta' Tiziana Magrin. Wara li nqala' dan l-incident jiena ma gejtx inkarigat ulterjorment. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li lanqas dan it-travett jiena ma nehhejt ghadu hemmhekk. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li dwar il-hlas li kien ghad fadalli niehu jiena kellimt lill-missier Cleaven Formosa li huwa Alfred Formosa u kien hu li tani d-dettalji ta' Tiziana Magrin.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021)

Illi il-konvenut Alfred Formosa wiegeb billi fl-ewwel lok sostna illi huwa mhuwiex l-uniku eredi ta' ibnu Cleaven Formosa imma mbaghad ikkonferma li huwa mhux qed jikkontesta t-talba sakemm din tirrigwardja nofs l-ammont u dana peress li, skont hu, tali somma kellha tithallas miz-zewg konvenuti f'ishma ugwali bejniethom.

Illi l-konvenut ma xehedx f'dawn il-proceduri, la indika min huma l-eredi ulterjuri ta' ibnu u kwindi lanqas sar xi tentattiv da parti tieghu sabiex skont kif rikjest mil-ligi tali eredi – li allura baqghu injoti – jigu rezi partecipi f'din il-kawza.

Illi f'tali rigward fil-fatt Regolament 6 tar-**Regoli dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** jipprovdi testwalment li:

> *"(1) Jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jkun ħadd ieħor li jħallas it-talba, huwa għandu jindika fir-risposta tiegħu min hi dik il-persuna l-oħra li għandha tħallas it-talba kollha jew parti minnha.*
>
> *(2) Il-konvenut għandu permezz tat-Tribunal jinnotifika lil terzi:*
>
> *(a) b'kopja tat-talba; u*
>
> *(b) b'kopja tar-risposta tiegħu; u*
>
> *(ċ) b'avviż lil terzi; u*
>
> *(d) b'formola għal risposta vojta.*
>
> *(3) Meta terzi jagħmlu r-risposta tagħhom, huma għandhom isegwu l-proċedura li hemm biex issir risposta għal talba hekk kif inhi msemmija fir-regoli 4 u 5.*"

Illi hekk ukoll jinsab deciz illi meta t-terz li ghandu jigi ritenut responsabbli jibqa' injot u kwindi mhux parti fil-kawza:

> "*id-difiza tat-terzo ignoto (jigifieri, ta' persuna mhux parti fil-kawza)* ***ma hi difiza xejn ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti, u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebita lil xi hadd li ma hux fil-kawza.*** *Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza* **Camilleri v. Spiteri**, *deciza fid-9 ta' Dicembru 1968, la darba jigi ppruvat l-involviment tal-konvenut f'incident anke in parti, l-atturi "ghandhom dritt jikkonsegwew d-danni kollha minghand il-konvenut, salv talvolta lil dan id-dritt li jindennizza ruhu jekk jista' minghand it-terz ghall-parti tieghu ghall-htija."* " (**Joseph Bowman ghan-nom u in rapprezentanza tassocjeta` W. J. Parnis England Limited v. Joseph Scerri et** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-26 ta'Gunju, 2009 – enfazi mizjuda)

Illi, tenut kont tal-fatt li l-konvenut Formosa m' ghamel xejn minn dak rikjest mill-artikolu surreferit b'tali mod li jekk tassew hemm eredi ohrajn tal-mibki ibnu, dawn baqghu injoti ai fini ta' dawn il-proceduri, l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-istess timmerita li tigi michuda.

Illi ghaldaqstant jehtieg li jigi determinat jekk il-konvenuta Magrin ghandhiex ragun illi tichad it-talba ghall-hlas, imqar jekk fir-rigward tal-bilanc rimanenti ta' nofs is-somma. F'tali rigward il-konvenuta xehdet fis-sens illi:

> *Nghid li jiena ma kelli ebda nvolviment fir-rigward tal-ammont li qed jigi mitlub minni. Dan fir-rigward tal-pagamenti li kienu jinvolvu lill-Joseph Grixti.* ***Ftehim ma' Joseph Grixti jiena ma kellix. Nghid fil-fatt fuq mistoqsija tat-Tribunal li l-persuna nvoluta kienet Cleaven Formosa. Nghid illi kien involut hu peress li konna nahdmu fuq bazi kollox separat. Jekk insib lil xi hadd jiena per ezempju tal-aluminium ningaggah jiena u nhallsu jiena. Kien Cleaven Formosa li lill-Joseph Grixti kien sabu.*** (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju, 2021 – enfazi mizjuda)

Il-kontro-ezami ghal din ix-xhieda ma sarx liema xhieda allura baqghet mhux kontraddetta jekk mhux minn dak li xehed l-istess attur.

Illi t-Tribunal fela bir-reqqa id-dokumentazzjoni prodotta mill-attur sabiex jiddetermina min tassew kien tah l-appalt li ghalih huwa kjarament jimmerita li jigi mhallas. Ghalkemm, kif inghad, l-istess attur tramite x-xhieda tieghu jiddikjara li l-istruzzjonijiet fir-rigward tax-xoghol imwettaq minnu kienu gejjin kemm minn Cleaven Formosa u kif ukoll mill-konvenuta Magrin, it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li sahansitra **permezz tal-avviz odjern l-istess attur jiddikjara kjarament li "*gew ezegwiti ix-xogholijiet fuq talba tad-defunt Cleaven Formosa*"** u fil-fatt jibqa' ma jfissirx tramite l-istess avviz tieghu kif u ghalfejn kien qed jindirizza t-talba fil-konfront tal-konvenuti odjerni. Tali dikjarazzjoni li x-xogholijiet kienu qeghdin jigu ezegwiti fuq talba tad-defunt Formosa esklussivament tinsab ulterjorment ikkonferma mill-ircevuti kollha ezebiti mill-istess

attur fejn dawn jirreferu ghall-"*ftehim ma' Cleaven*" (Dok. JG1 a fol. 19) u wkoll ghall "*hlas ta' 1,300 minghand Cleaven Formosa fuq xoghol ta' kisi. Hu* (sic) *fadalli nigbor €3000 minghand Cleaven Formosa*" (Dok. JG1 a fol. 21 tal-process). Tali dokumenti jidher li gew iffirmati mill-attur u wkoll minn persuna li l-firma taghha hija indikata kjarament bhala Formosa. Giet ukoll ezebiti ricevuta fiskali li tindika l-isem ta' Cleaven Formosa bhala *Customer*.

Illi ghaldaqstant huwa car li, almenu skont il-provi dokumentali prodotti, ir-relazzjoni guridika bejn l-attur kienet direttament mad-defunt Cleaven Formosa kif fuq kollox impostat mill-istess attur permezz tal-istess avviz tieghu u kif jirrizulta kjarament ukoll mid-dokumenti kollha relattivi ghal tali appalt.

It-Tribunal isib li l-fatt wahdu li l-intimata setghet talvolta ottjeniet beneficcju minn tali xogholijiet bhala ko-proprjetarja tal-istess fond illi fih gie imwettaq tali appalt m'huwiex sufficjenti sabiex ai fini ta' din il-kawza hija tigi ritenuta responsabbli fil-konfront tal-attur ghall-hlas kjarament dovut minn Cleaven Formosa bhala l-persuna li, ai fini tal-ligi, tat ix-xoghol. L-istess intimata Magrin, kif inghad xehdet li l-ftehim ma' Cleaven Formosa kien li kull parti thallas lill-persuni ingaggjati minnha b'mod separat u tali verzjoni fil-fatt baqghet ma gietx ikkontestata. Huwa car li, ai fini tal-kawza odjerna, l-ezercizzju li permezz tieghu issir xi forma ta' spartizzjoni bejn il-partijiet jew ukoll bejn l-intimata u l-bqija tal-eredi ta' Cleaven Formosa oltre missieru (f'dan l-istadju mhux lkoll maghrufin u, kif inghad, mhux partecipi fil-kawza odjerna) imur oltre il-parametri posti mit-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-partijiet rispettivi f'din il-kawza.

Konsegwentement it-Tribunal isib li l-konvenuta giet intimata f'dawn il-proceduri inutilment u li l-ispejjez taghha ghandhom allura jigu sofferti mill-attur li ghazel li jiftah il-kawza kontriha wkoll minkejja dak kjarament ammess minnu permezz tal-istess avviz tieghu (u d-dokumenti kollha ezebiti minnu) fejn jinghad kjarament li x-xogholijiet li ghalihom huwa kien qed jitlob hlas kienu saru fuq talba ta' Cleaven Formosa minghajr ebda referenza ghall-istess konvenuta Magrin personalment.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Alfred Formosa, qieghed jilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta Magrin Tiziana u jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-

bqija u kwindi jilqa' t-talba attrici limitatament fil-konfront tal-konvenut Alfred Formosa billi jikkundanna lill-istess Formosa jhallas lill-attur is-somma mitluba minnu ta' tlett elef u hamsin euro (€3050) bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut Formosa salv ghall-ispejjez tal-konvenuta Magrin li jigu sofferti mill-attur Joseph Grixti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil. M.A. (Melit.)**

**Gudikatur**